## EPITHALAMIUM

*Ta'* PETER CARUANA

*Lis-Sinjura A. E. Schembri Theobald f'jum it-Tieġ tagħha mas-Sur C. Schembri, nhar il-Għid, 21-4-57.*

Iġru tfal fit-toroq kollha;
xerrdu ward ma' kullimkien.
Iġru u għajtu, għajtu u iġru,
għax ma jerġa' qatt daż-żmien.

Fuq ġwinħajn il-ħamiem abjad
rajt is-safa ta' l-għarus:
Qalb is-suf tal-ħrief bajdana
rajt tjubitu tiġri u ssus.

Fuq il-warda ta' ġol-ġnejna
rajt l-imħabba f'żewġt iqlub.
Rajtha asaħħ mill-ħadid iebes
li bin-nar jinħall u jdub.

Rajt l-għarusa bil-mant abjad
war' riġlejha jkaxkar fl-art.
Rajtha liebsa kollha bjuda.
F'idha kellha bukkett ward.

Rajt għajnejha jibbru jibbru
donnhom f'sema żewġ kewkbiet;
Rajt ħaddejha ħomor ħomor
donnhom f'ġnejna żewġ wardiet.

Iż-żmien igħaddi, is-snin igerrbu,
'mma l-imħabba ma tmut qatt.
Tibqa' għalih, hu jibqa' għaliha
l-egħżeż ħaġa fuq kulħadd.

Iġru tfal fit-toroq kollha;
xerrdu ward ma' kullimkien.
Iġru u għajtu, għajtu u iġru,
għax ma jerġa' qatt daż-żmien.



# FUQ MIN IDUQ ILMET IN-NIL

*Ta'* MANWEL CASSAR

FEHMA mqarrqa oħra li ssib fina l-Maltin hija dik li nqisu l-Għarab bħala nies slavaġ u bla tagħlim. L-Għarab u t-Torok għal ħafna minna huma sinonimi mal-barbariżmu. Smajtha mhux l-ewwel darba l-espressjoni "Tkunx Għarbi". Tant smajtha tajjeb u fhimtha daqshekk ieħor tajjeb li nista' ngħidlek li ntqalet għalija. Min qalhieli riedni ma nkunx stramb. Din l-idea nqisha b'ħażina. L-Għarab huma nies ċivilizzati daqs l-Ingliżi li jiftaħru biċ-ċiviltà u daqsna. Waqtiet ikolli ngħid iktar mill-Ingliżi u mill-Maltin. Imma ħalli għal din id-darba ma naqbadx il-kwistjoni l-qadima. Tagħmel iktar ġid meta tissuġġerixxi x'jmissu jsir milli meta ssib ix-xagħra fil-għaġina ta' dak li sar. Naħseb li għadek ma fhimtx x'rabta hemm bejn l-Għarab u bejn il-ktieb ditettiv ta' Ivo Muscat-Azzopardi "Min Iduq Ilmet in-Nil". Għandek raġun. Ir-rabta hi tassew ċkejkna. Iżda jiena hawnhekk miniex ser nitħaddet dwar il-ktieb ta' Ivo Muscat-Azzopardi minħabba li għadni ma qrajtux u jiena miniex minn dawk il-kritiċi li jagħtu l-fehmiet tagħhom tajbin jew ħżiena, mingħajr ma jkunu qraw ix-xogħol miktub. Dak li Ivo Muscat-Azzopardi, flimkien mal-Għarab, nixtieqhom jippermettuli hu li ninqeda b'dan l-isem li, kif jiena ċert li bosta ma jafux, huwa l-qawl Għarbi "Min jixrob majjet in-Nil ma jislahx ebedew" li għandu din it-tifsira Maltija: "Min jixrob ilmet in-Nil ma jistax jinfatam minnu."

Il-Għarab għandhom raġun biex ibigħu. Jiena xrobt minn ilmet in-Nil u emminni li ma nista' ninfatam minnu b'xejn — u lanqas ma nixtieq jew irrid. L-ilma tan-Nil tal-qari letterarju hu hekk ħelu, hekk itaffi l-għatx tar-ruħ, hekk ituq u jwassa' l-kultura li ma tkunx tista' tgħaddi mingħajru wara l-ewwel belgħa. Huwa, fi kliem ieħor, l-ilma tal-ħajja u l-ħajja ma jistax igħaddi mingħajrha l-bniedem għax biha jgħix minnieqa sal-qabar.

Fid-dinja kollha ma jinsab l-ebda qarrej li qara ktieb wieħed. Min irid ibellagħhieli li qara ktieb wieħed lest biex inqisu bħalma nqis lil min igħidli li l-baħar huwa ħelu jew li l-baħar ta' l-Imsida ma hux miksi b'qoxra ta' ħama (u nitolbok iżżomm f'moħħok li l-Imsida mhix pajjiż il-ħama, imma